C/2024/1154

25.1.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11435 — PGGM / EURAZEO / ELECTRA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1154)

1. Fid-19 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— PGGM Vermogensbeheer B.V. ("PGGM", in-Netherlands), ikkontrollata minn PGGM N.V. (in-Netherlands), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn PGGM Coöperatie U.A. (in-Netherlands),

— Eurazeo Infrastructure ("Eurazeo", Franza), ikkontrollata minn Eurazeo SE (Franza),

— Electra SAS ("Electra", Franza), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Eurazeo (Franza).

PGGM u Eurazeo jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Electra.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— PPGM hija amministratur Olandiż tal-pensjonijiet speċjalizzat fl-amministrazzjoni tal-pensjonijiet kollettivi,

— Eurazeo hija kumpanija ta' investiment ikkwotata b'portafoll f'assi diversifikati. L-għan tagħha huwa li tidentifika, taċċellera u ttejjeb it-trasformazzjoni potenzjali ta' kumpaniji ta' kull daqs li tinvesti fihom.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Electra huma dawn li ġejjin: l-offerta ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar veloċi u ultraveloċi għall-vetturi elettriċi.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11435 — PGGM / EURAZEO / ELECTRA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Inti ġentilment mitlub li tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË